# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 13/2019 JPG**

**Kawza Numru : 22**

**GS**

**Vs**

**MS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' GS, datat 10 ta' Jannar, 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimata MS fil-hmistax (15) ta' Awissu tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (15.08.1998) fil-Knisja tas-Salib Mqaddes, Zabbar u z-zwieg ta' dina l-kopja gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni (X) (Certifikat taz-zwieg anness Dok A).*

*Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia fit-tnejn u ghoxrin ta' Awissu tas-sena elfejn u tnejn (22.08.2002) – (Kopja tal-Kuntratt ta' Separazzjoni – Dok B).*

*Illi l-partijiet minn dan iz-zwieg kellhom zewgt ulied B u E li twieldu fl-ghaxra ta' Frar tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (10.02.1998) u hamsa ta' Jannar tas-sena elf disa' mija disa' u disghin (05.01.1999)*

*Illi huwa ddiskuta mal-avukat tieghu Dottor Ian Micallef il-possibilta' ta' rikonciljazzjoni u nghata mill-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin (Dikjarazzjoni annessaa Dok C), u ikkonkluda li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi ghaddew aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.*

*Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant r-rikorrenti GS jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma' MS hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi u biex jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien mholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata ma topponix ghal dan id-divorzju (Vide fol 9);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**GS** xehed a fol 1 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-15 t'Awissu 1998 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-22 t'Awissu 2002 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal, it-tnejn maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament

aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**MS** xehdet a fol 13 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-15 ta' Awissu 1998, (Vide Dok. A, a fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied;

Gie stabbilit di piu' illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Elena Farrugia, datat 22 ta' Awissu 2002 (Vide Dok.B) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjrazzjoni maghmula mir-rikorrent fil-15 ta' Frar 2019 (vide Fol 9), l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**